

THE EMPIRE PRESS

# IL-PORT TA' MALTA

Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna,
għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;
mhux għal xej tara l-barrani
li għal ġmielu jibqa' msaħħar.

Mill-iswar li lilu jdawru
ma tikxiflu kullimkien:
ġo fih tara bħala dgħajjes
l-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġħen.

Tul u wisgħa w-ilma għali
fih kemm trid u kemm tixtieq,
sa minn barra tasal ġewwa
tista' tgħid li xxabba t-trieq.

Ġewwa fih għad li Port wieħed
inti tara erba' daħliet,
li jgħodduhom fi bliet oħra
sa mill-isbaħ portijiet.

L-ogħla swar, l-iżjed qawwija
ġewwa nofshom jagħilquh,
jekk xi għadu jrid fih jidħol.
minn wisq bgħid huma jżommuh.

Ara x'dell fil-baħar waqqgħu
ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,
ħalli jersqu taħt ħitanek,
o Sant'Anġlu, iġ-ġħen il-kbar!

Dwar l-elf sena ilhom mibnija
u mfaħħrin dawk il-ħitan;
meta mbnew l-Ewropa kollha
ma kellhiex kastell bħal dan.

F'nofs il-Port Sant'Anġlu l-qawwi
bħala ġgant li jindukrah;
ir-Rikażli l-barra minnu
sabiħ qawwi wkoll tarah.........

Gio. Antonio Vassallo